MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Numru 222/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Gregory)**

**vs**

**Steve Matthew Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Steve Matthew Grima ta’ 17-il sena bin Carmel u Maria Violet nee’ Hili imwieled Pieta’ fil-11 ta’ Marzu, 1986 u residenti 8, Orchidea, Triq Gori Mancini, B’Kara detentur ta’ karta ta’ identita numru 124586(m) akkuzat talli:

1. fil-25 ta’ Dicembru 2001, ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu mill-fond maghruf bhala Bamboo Bar, Triq Dragonara, Paceville ikkommetta serq ta’ handbag li kien jikkontjeni oggetti ghad-detriment ta’ Elaine Borg minn Hal

Qormi u Rodianne Deguara minn Birkirkara, liema oggetti jiswew iktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn mitejn lira maltin (Lm200), u liema serq kien aggravat bil-hin u bl-ammont, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f'liema ammissjoni ippersista fiha anke wara li l-Qorti tahtu zmien jahsibha.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 280(l) tal-Kap 9 u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------